*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlitz u M. Windisch, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament tas-16 ta' Ġunju 2015 li tirrifjuta l-aċċess għall-bini tiegħu lir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Andrei Petrov, Fedor Biryukov u Alexander Sotnichenko huma kkundannati jbatu, barra l-ispejjeż tagħhom, dawk sosnuti mill-Parlament Ewropew.*

(1) ĠU C 363, 3.11.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Novembru 2017 – Voigt vs Il-Parlament**

**(Kawża T-618/15)** (1)

***("Membru tal-Parlament Ewropew — Rifjut li jkun disponibbli bini tal-Parlament — Ċittadini ta' Stati terzi — Rifjut ta' aċċess għall-bini tal-Parlament — Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika — Diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità — Ammissibbiltà ta' motiv — Diskriminazzjoni bbażata fuq l-opinjonijiet politiċi")***

(2018/C 013/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Udo Voigt (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: P. Richter, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görlitz, S. Seyr u M. Windisch, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Parlament, tad-9 ta' Ġunju 2015 li tirrifjuta li tqiegħed għad-dispożizzjoni tar-rikorrent sala sabiex fiha ssir konferenza stampa fis-16 ta' Ġunju 2015 u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni tal-Parlament tas-16 ta' Ġunju 2015 li tirrifjuta l-aċċess għall-bini tiegħu lil ċittadini Russi,

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Udo Voigt huwa kkundannat ibati, barra l-ispejjeż tiegħu, dawk sosnuti mill-Parlament Ewropew, inkluż dawk marbuta mal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.*

(1) ĠU C 106, 21.3.2016.